# 2025 Programm ta' Avvenimenti

**IR-ROTTA**
tal-Mużika

## 1 Klinsmann

Pjazza Tritoni — 9pm

Klinsmann, flimkien ma' band dinamika, jippreżenta setlist oriġinali b'mużika mill-album tiegħu Chaos & Cadence. Stil pop-rock, indie-folk u pop-punk b'enerġija elettrika, ispirata minn OneRepublic, Imagine Dragons u Bryan Adams.

## 2 Rock Circus

Pjazza Tritoni — 10:30pm

Mikaela Attard ttippreżenta mużika live fi Pjazza Tritoni waqt Notte Bianca 2025. Stili minn rock sa pop, rap u R'n'B se jiġu interpretati minn artisti u mużiċisti lokali f'spettaklu animat memorabbli.

## 3 Projekt

Triq l-Ordinanza — 7pm

Band enerġetika b'Vince Bongailas, Simon Duca, Saviour Pace u Claire Pace. Kanżunetti oriġinali u cover versions bil-Malti u bl-Ingliż joħolqu prestazzjoni unika li tħaddan mużika lokali u globali.

## 4 The Rock Troupers

Triq l-Ordinanza — 8:30pm

The Rock Troupers, ensemble lokali, idoqqu mużika tar-rock minn Ozzy Osbourne, Guns N' Roses, ACDC u Queen, f'prestazzjoni memorabbli waqt Notte Bianca.

## 5 Backbeat

Triq l-Ordinanza — 10pm

Backbeat fi Triq l-Ordinanza joffru prestazzjoni versatili ta' pop u rock, b'kanzunetti tas-snin 80, 90 u moderni, li tolqot udjenzi ta' kull età.

## 6 Ivan Grech ma' KorMalta u BHU

Pjazza Teatru Rjal — 9pm

Ivan Grech jitla' fuq il-palk ma' BHU, string orchestra u KorMalta għal kunċert grandjuż li joffri għażla ta' kanzunetti klassiċi tal-pop f'esperjenza indimentikabbli.

## 7 DCapitals

Pjazza Kastilja — 8:30pm

DCapitals Big Band, taħt id-direzzjoni ta' George Apap, b'18-il mużiċist, se jdoqqu kanzunetti popolari tas-snin 80 u 90, flimkien ma' kanzunetti pop, rock u dance fil-qalba tal-Belt Valletta.

## 8 Disco Party

Pjazza Kastilja — 10:30pm

Il-Palace String Orchestra flimkien ma' kantanti bħal Karin Duff u Denise Mercieca, inkluż oħrajn, se jippreżentaw kunċert b'mużika tas-snin '90 u '00 Eurodance b'kanzunetti ikoniċi fil-qalba tal-Belt Valletta.

## 9 Barrakka Rock

Il-Barrakka ta' Fuq — 7pm

The SouthBeats idoqqu hits klassiċi tas-snin 60 u 70 b'kanzunetti indimentikabbli mill-golden era tar-rock.

## 10 Different Minds

Il-Barrakka ta' Fuq — 8:30pm

Different Minds fil-Barrakka ta' Fuq jippreżentaw kanzunetti oriġinali bħal 'Helping Hand', u cover versions ta' kanzunetti klassiċi tal-pop rock.

## 11 Barrakka Latina

Il-Barrakka ta' Fuq — 10pm

TUMBAOX, band Sud Amerikana mill-Kolombja u Venezuela, toffri mużika u żfin b'ritmi moderni, tiċċelebra d-diversità kulturali u l-awtentiċità tal-mużika Sud Amerikana f'Malta.

## 12 Alma & Rhythm

Gran Salon, il-Mużew tal-Arkeoloġija — 7pm, 8pm u 9pm

Taħlita unika ta' żfin Spanjol u mużika kontemporanja, b'kitarra, perkussjoni u sassofonu. Kollaborazzjoni kulturali u artistika li toffri narrattiva emozzjonanti u dinamika.

## 13 Lyndsay & Edward

Pjazza San Ġwann — 7pm

Dwett li jgħaqqad pop u rock, u li joffri prestazzjonijiet emozzjonali b'interpretazzjonijiet immersivi u kanzunetti li joħolqu esperjenza sonika unika għall-udjenza.

## 14 The Hot Club of Valletta

Pjazza San Ġwann — 9pm

Ensemble ispirat minn Django Reinhardt u Stéphane Grappelli, immexxi minn George Curmi il-Pusè, joffri kombinazzjoni ta' valzi klassiċi u siltiet swing oriġinali Maltin.

## 15 Family 3 & Fabrizio Fedele

Pjazza San Ġwann — 10:30pm

Kwartett li jgħaqqad lill-Family 3 mal-kitarrist Naplitan Fabrizio Fedele. Rock, pop u jazz b'interpretazzjonijiet uniċi minn mużika ta' The Beatles, Herbie Hancock u aktar

NOTTE BIANCA

**Is-Sibt 4 ta' Ottubru**

Nota: In-numru ħdejn kull proġett jikkorrispondi għall-mappa interattiva tagħna.
Ara aktar fuq **www.festivals.mt/nb**

## 16 Fuse

Triq Santa Luċija 7:30pm

Band li toffri kanzunetti pop u klassiċi li jinkludu siltiet bħal 'Mamma Mia', 'Shut up and Dance' u 'I Will Survive', b'prestazzjoni enerġetika u divertenti.

## 17 Kelly Marie

Triq Santa Luċija 9pm

Spettaklu dinamiku li jgħaqqad kanzunetti klassiċi u dawk moderni minn Bon Jovi, Blondie, Madonna sa Dua Lipa u Maroon 5.

## 18 Gaia

Triq Santa Luċija 10:30pm

Lejla mużikali b'kanzunetti klassiċi u rock-pop, b'vuċi, ritmu u energia li tgħaqqad il-ġenerazzjonijiet fit-toroq tal-Belt Valletta.

## 19 Jazztet

The Embassy Hotel 9:45pm

Sitt mużiċisti lokali jippreżentaw siltiet jazz popolari minn perjodi differenti. Lejla ta' divertiment u virtwosità tal-jazz waqt Notte Bianca 2025.

## 20 Paul Giordimaina ft Nadine Axisa

The Embassy Hotel 8pm

Kanzunetti pop b'arranġamenti jazz, akkumpanjati minn Harry Eddleston (keyboard) u Manwel Pulis (drums).

## 21 Music Market

Pjazza Merkanti 7pm

## 22 The Golden Era

Pjazza Merkanti 8:30pm

Spiteri Lucas Band u kantanti stabbiliti joffru vjaġġ mużikali mis-snin 50-70 b'Pop u Rock n Roll. Ir-ripertorju jinkludi Tom Jones, Elvis Presley, Abba u l-Beatles, b'esperjenza live memorabbli.

## 23 Energie Splash

Pjazza Merkanti 10:30pm

Energie Splash Big Band iħalltu SKA, Swing, R&B u Pop f'esperjenza live unika. Enerġija liema bħala, inkluż kanzunetti klassiċi Taljani u oħrajn famużi, b'esperjenza interattiva għall-udjenza.

## 24 The Travellers

Pjazza San Ġorġ 8pm

The Travellers iddoqqu l-kanzunetti popolari tagħhom bil-Malti li jinkludu kanzunetti bħal 'Xemx u Xita' u 'Ħafi Paċi Kuluri' f'spettaklu live mimli enerġija u emozzjoni.

## 25 Notte Bianca Vesatile Show

Pjazza San Ġorġ 10pm

Il-palk prinċipali fi Pjazza San Ġorġ jieħu l-ħajja b'Versatile Orchestra waqt Notte Bianca. Kanżunetti bi stil pop u rock, inkluż 'We Will Rock You', 'Bohemian Rhapsody' u 'Highway to Hell', b'enerġija u dwal impressjonanti.

## 26 Duwa tal-Madalena

Sala San Duminku, Triq il-Merkanti 9pm

Kunċert b'kanzunetti ġodda mill-albums ta' Skald 'KURA' u 'MORSA' li jinkludi mużika, ċirku, burlesk u aktar, b'temi politiċi, natura, saħħa mentali, u emozzjoni intensa.

# IR-ROTTA l-Alternattiva

## 1 Għall-MICAS!

Pjazza Tritoni 6pm - 10pm

## 2 Merħba 25

Pjazza Tritoni 7pm u 8pm

Il-ftuħ spettakolari ta' Notte Bianca f'Pjazza Tritoni joffri vetrina tar-rotot ta' din is-sena b'taħlita ta' wirjiet teatrali, kant, żfin minn Dancel Dance Studio, u ħafna aktar.

## 3 Ċirku

Pjazza Tritoni 7:30pm u 8:30pm

Prestazzjoni live fejn il-mużika tingħaqad mal-ġimnastika fl-arja. B'korjografija professjonali u stil viżwali uniku, ĊIRKU joffri esperjenza bejn kunċert u ċirku kontemporanju vibranti.

## 4, 12 Guggen Band

Pjazza Kastilja - 7pm u 10pm
Pjazza Tritoni - 8pm Roaming

## 5, 21 Ġej il-Gran Mastru

Il-Berġa tal-Baviera - 6pm
Pjazza Tritoni - 8pm Roaming

## 6, 18 Tinto Brass Street Band

Pjazza Tritoni - 6pm u 8pm
Pjazza San Ġwann - 9pm Roaming

Tinto Brass Street Band huwa proġett mużikali li jiċċelebra l-ħoss tal-Jazz ta' New Orleans, imżewwaq permezz ta' esperjenzi artistiċi personali. B'hekk Tinto brass jirnexxilhom joħorġu b'ħoss totalment oriġinali li żgur se jinżel tajjeb waqt Notte Bianca.

## 7, 17 ILLALLU!

Pjazza Tritoni - 8pm
Pjazza l-Assedju l-Kbir - 10pm Roaming

Tikka Banda, se tittrasforma t-toroq tal-Belt Valletta f'palkijiet vibranti b''ILLALLU' – kunċert interattiv fit-triq li għandu l-għan li jagħmel il-mużika aċċessibbli, iferraħ u joħloq esperjenza memorabbli għal kulħadd!

## 8 Chasing Sunsets

Ġnien Laparelli 6pm - 12am

Chasing Sunsets jingħaqdu ma' UV Records għal edizzjoni speċjali fil-Ġonna ta' Laparelli waqt Notte Bianca. Is-serata tinkludi ismijiet kbar bħal Paul Thomas, Trilucid, Tenishia u DJ Ruby.

## 9 Antisocial

It-Taraġ ta' Bieb il-Belt 7pm, 8pm u 9pm

Street Elements jippreżentaw xogħol oriġinali dwar għaġir anti-soċjali, billi jħalltu rap, koreografija u awtentiċità. It-taraġ ħdejn il-Parlament isir palk urban għal prestazzjoni emozzjonali li tenfasizza l-konnessjoni u l-komunità.

## 10 Time Traveller

Studio B, Spazju Kreattiv 6:30pm, 7:30pm u 8:30pm

"Time Traveller" huwa spettaklu affaxxinanti mal-maġiku rinomat Brian Rolè li se jieħu lill-udjenza fuq vjaġġ qasir fiż-żmien billi jgħaqqad il-maġija u l-parteċipazzjoni tal-udjenza għal esperjenza indimentikabbli f'Notte Bianca.

B'kollaborazzjoni ma': Spazju Kreattiv 25

## 11 Momentum, A World Reimagined

Studio B, Spazju Kreattiv 7pm, 8pm u 9pm

B'kollaborazzjoni ma': Spazju Kreattiv 25

## 13 Poeżiji u Snooker

La Valette Band Club 7pm - 11pm

Iċ-champion tad-dinja tas-snooker Malti, Tony Drago, se jisfida 10 dilettanti tas-snooker fil-La Valette Band Club filwaqt li żewġ personalitajiet magħrufa fil-Belt Valletta, Vince Fabri u Andre Carbonaro, se jferrħu lill-udjenza b'ritmu u poeżija ħelwa.

## 14 The Quiet Invasion

Ċentru ta' Interpretazzjoni, il-Knisja ta' Santu Wistin 7:30pm, 8:30pm u 9:30pm

Idħol fl-istudjow tal-fotografa ta' Lorello Castillo b'prestazzjoni live fejn il-pittura u r-ritratt isiru teatru. Età rakomandata: 14+

## 15 Labyrinth

Ċentru ta' Interpretazzjoni, il-Knisja ta' Santu Wistin — **6pm - 11pm**

## 16 Fil-Qalba tal-Mandraġġ

Pjazza Mattia Preti — **7pm - 11pm**

## 19 Notte Thrift

Triq San Pawl — **8pm - 12am**

## 20 Stejjer mill-Pinna tan-Nutar: Mixja fl-Arkivji Notarili

L-Arkivji Notarili, Triq San Pawl — **6pm - 11pm**

Esperjenza unika fl-Arkivji Notarili fil-Belt Valletta waqt Notte Bianca. Il-viżitaturi se jkunu gwidati f'mixja li tgħaqqad l-istorja, is-sigrieti u t-teżori mal-arkitettura Barokka u mal-ispettaklu għal lejl wieħed.

## 22 Gitgħana

Il-Berġa tal-Baviera — **7pm, 8:30pm u 10pm**

Gitgħana, jippreżentaw għana tradizzjonali ma' melodiji Mediterranji u żfin Flamenco. B'kollaborazzjoni ma' Anġlu Theuma u żewġ żeffiena mill-kumpanija 'Alegria Flamenco' u b'interpretazzjoni ta' siltiet f'diversi stili u forom.

## 23 Verna fil-Baviera

Il-Berġa tal-Baviera — **7:30pm u 9pm**

Kunċert minn Ta' Verna Folk Band, li jgħaqqad mużika tradizzjonali Maltija ma' influwenzi kontemporanji b'ħoss enerġetiku. Il-grupp idoqq f'avvenimenti lokali u internazzjonali u bħalissa qed iħejju l-ewwel album b'kanzunetti oriġinali tagħhom.

# IR-ROTTA l-Klassika

## 1 Sinfonija BHU

Pjazza Teatru Rjal — **7:30pm**

Brass House Unit, b'20 mużiċist, jingħaqad ma' orkestra ta' 15 mużiċist u KorMalta għal kunċert spettakolari. Biċċiet klassiċi jiġu trasformati f'ġeneri friski, minn mużika elettronika għal pop, fużjoni ta' tradizzjoni u innovazzjoni mużikali Maltija.

## 2 Tota Pulchra

Il-Knisja ta' San Franġisk ta' Assisi — **7pm, 8pm u 9pm**

Il-Kor Tota Pulchra jippreżenta programm ta' mużika sagra u temi ispiranti. Il-kunċert ukoll jinkludi għażla ta' siltiet minn musicals maħbubin.

## 3 Mill-Gallarija tal-Każin

King's Own Band Club — **8:30pm u 9:30pm**

## 4 Kitarra u Klarinett

Il-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali — **7pm - 10pm**

Il-kitarrista klassiku Evan Plumpton u l-klarinettista Noel Beck jippreżentaw programm evokattiv ispirat minn Piazzolla, Villa-Lobos u Ennio Morricone, li jaqbeż ġeneri u fruntieri mużikali.

## 5 Gregorian Strings

L-Oratorju tal-Knisja ta' San Pawl — **7:15pm u 8:15pm**

Waqt dan il-kunċert se jiġu esegwiti xogħlijiet ta' Palestrina, kompożitur magħruf għall-mużika sagra polifonika, b'sitt strumenti li jenfasizzaw l-isbuhija u eleganza tal-melodiji sagri.

## 6 Sagru Kontemporanju

Il-Knisja ta' Sant Ursola — **7:15pm u 8:15pm**

Il-kor Vox Dulcis Chorale jesploraw ripertorju kontemporanju minn kompożituri differenti bħal Dilworth, Wilby, MacLeod u Archer. Id-direzzjoni hi f'idejn John Anthony Fsadni, akkumpanjat minn Petra Magri Gatt.

## 7 Strauss Soirée

Chamber of Commerce — **7:30pm**

Kunċert biex niċċelebraw l-200 anniversarju ta' Johann Strauss II. L-udjenza hija mistiedna biex tisma' l-valzi u polki famużi, inklużi 'The Blue Danube' u 'Tritsch-Tratsch-Polka', u tesperjenza l-eleganza li toffri l-ħajja Vjenniża.

## 8 Arji Sagri

Il-Bażilika ta' San Duminku — **7:30pm, 8:15pm u 9pm**

Iċċelebra l-orgni ġdid tal-Bażilika ta' San Duminku b'Joseph Lia u Natalia Rakhmatulina. Kunċert ta' arji sagri, Ave Marias u xogħlijiet fuq l-orgni minn Rossini, Verdi u Mendelssohn.

## 9 Kruż

Malta Society of Arts — **7pm, 8pm u 9pm**

Matthew Zammit u Amy Borg jieħdukom għal kruż mużikali qasir madwar il-Mediterran, b'ripertorju għall-pjanu u l-vjolin minn pajjiżi bħall-Italja, Franza, Spanja, il-Greċja, it-Turkija u Malta.

## 10 Strauss, Reimagined

Malta Society of Arts — **7:30pm, 8:30pm u 9:30pm**

Programma ta' nofs siegħa li jiċċelebra x-xogħlijiet ta' Johann Strauss II. Siltiet bħal The Blue Danube u Voices of Spring jiġu improvizzati b'laqta' modern biex joffru perspettiva ġdida lill-udjenzi.

## 11 St Paul Metropolitan Orchestra

Il-Pro-Katridral ta' San Pawl — **7:30pm - 9pm**

SPMO, b'26 mużiċist, akkumpanjati minn Charles Vincenti u Rosabelle Bianchi, jinterpretaw arji favoriti minn opri, operetti u musicals li jinkludu 'O Mio Babbino Caro', 'Brindisi' u 'Nella Fantasia'.

## 12 Notre Dame

Il-Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu — **7:30pm - 9pm**

Kunċert li fih jingħaqdu innijiet u kapolavuri sagri ma' temi tal-fidi, paċi, ħelsien u ferħ.

## 13 Eku mill-Passat Malti - Opera Interattiva

Sala Isouard, Teatru Manoel — **7pm u 8:30pm**

Opera interattiva li tistieden lill-udjenza tgħin lil Eku jesplora l-passat tiegħu. Dwal interattivi u mużika lokali jgħaqqdu storja u kultura Maltija ma' esperjenza immersiva u edukattiva.

## 14 Opera Bianca

Sala Isouard, Teatru Manoel — **7:30pm u 9pm**

Serata ta' opera ma' Raisa Marie Micallef, Giosuè Agius u Nicholas Conrad. Arias u dwetti, minn Bizet sa Verdi li jiċċelebraw il-passjoni, il-maġija u l-isbuħija tal-vuċi li tittraxxendi żmien.

# IR-ROTTA tat-Teatru

## 1 Jiena Mario

Teatru, Spazju Kreattiv — **7pm, 8:30pm u 9:45pm**

Monologu ta' Mario Micallef, miktub minn Joe Julian Farrugia, li jħallat esperjenzi personali, il-Covid u memorji tal-Belt Valletta b'umoriżmu, nostalġija u talb, f'vjaġġ teatrali ta' emozzjoni u kburija ċivika.

B'kollaborazzjoni ma': SPAZJU KREATTIV 25

## 2, 3 Faqqalu Reel

Pjazza l-Assedju l-Kbir - **7pm**
Pjazza San Ġwann - **8:45pm**
**jazza l-Assedju l-Kbir - 9:30pm** — **Roaming**

Luke, content creator, jaffaċċja kriżi eżistenzjali, waqt li żewġ Maltin, bħallikieku minn titjira lura fil-ħin b'low cost airline, jaraw belt mingħajr bibien u Parlament qisu bħall-ġobon tat-toqba. Satira teatrali li tistaqsi fejn intilfet Malta li nafu.

## 4 End of the Line

Ċentru ta' Interpretazzjoni, il-Knisja ta' Santu Wistin — **7pm u 8:30pm**

Matul il-velja, żjara mhux mistennija tqanqal tensjoni bejn żewġ aħwa. Il-lealtajiet jiġu ttestjati, joħorġu r-rivalitajiet u pjan qarrieqi jinkixef. Min se jibqa' sa tmiem il-lejl f'din il-produzzjoni teatrali misterjuża?

## 5 Maestrissimo

Teatru Manoel — **6pm u 10pm**

Spettaklu klassiku u satiriku mill-grupp Yllana li jħallat il-kummiedja u l-mużika. Dan l-ispettaklu teatrali jirrakkonta l-avventuri ta' mużiċisti Barokki u Neoklassiċi, u t-tfittxija ta' wieħed minnhom biex isir "maestrissimo" f'dinja ġerarkika.

**IR-ROTTA**
# taż-Żfin

## 1 RIDM fil-Belt

Roaming — **7pm - 10pm**

## 2 Pink

It-Taraġ ta' Bieb il-Belt — **7:30pm (ongoing)**

Moveo jittrasforma t-taraġ ikoniċi tal-Belt Valletta f'kanvas ħaj f'prestazzjoni li tesplora kif il-memorja tfassal il-passat mill-ġdid. Permezz tal-viżwali u l-moviment, l-udjenzi huma mistiedna jirriflettu, jitbissmu, u jimmeraviljaw ruħhom bl-illużjonijiet umoristiċi tal-memorja.

## 3 Duende

Teatru, Spazju Kreattiv — **7:45pm u 9:15pm**

Spettaklu li jħallat il-ballet klassiku maż-żfin Spanjol, ispirat mix-xogħol tal-komopożitur Charles Camilleri.

B'kollaborazzjoni ma': Spazju Kreattiv 25

## 4 Variations on Dusk

Gran Salon, il-Mużew tal-Arkeoloġija — **7:30pm u 9:30pm**

Prestazzjoni interdixxiplinarja li tosserva l-mument tranżizzjonali tal-għabex. Żewġ żeffiena sospiżi bejn bidu u tmiem jesploraw possibilitajiet ġodda fl-eżistenza u fl-imxija inevitabbli taż-żmien.

## 5 Border

Chamber of Commerce — **7pm, 8:30pm u 9:30pm**

Prestazzjoni li tesplora l-linji li jifirduna u jfassluna. Il-ġisem jingħaqad u jinkiser, u jiżvela memorji u ritwali ripetittivi, u jirrifletti fuq tradizzjoni u biża' mill-futur.

**IR-ROTTA**
# tat-Tfal

## 1 The Festival of Fools

Il-Barrakka ta' Fuq — **4pm - 10pm**

Żur il-festival tal-buffi fil-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq waqt Notte Bianca. Ħudu sehem fil-parata umoristika, ilagħbu l-logħob, oqomsu fuq il-bouncy castles u isimgħu l-istejjer medjevali waqt 'The Festival of Fools'.

## 1 Sand Crafts

Il-Barrakka ta' Fuq — **4pm - 10pm**

**IR-ROTTA**
# l-Ħamra

## 1 Il-Maltin Imqarbin

The Royal British Legion — **8pm u 9pm**

Xow tal-kummiedja bbażat fuq 'Naughty Malta!', li jinkludi siltiet, teatru improvizzat u rakkonti kaotiċi dwar is-sess, relazzjonijiet u l-ħajja Maltija. L-udjenza tista' taqsam is-sigrieti b'mod anonimu. Għal adulti minn 18-il sena 'l fuq biss.

## 2 Ġuri tal-Psataż

The Royal British Legion — **10pm, 11pm u 12am**

Merħba l-aktar qorti skandaluża ta' Malta! Il-Madam Imħallef qiegħda tistennikom biex tgħaddikom ġuri dwar il-pjaċiri moħbija, il-fantasiji l-imġiba imqarba tagħkom, ja Psataż! Għal adulti minn 18-il sena 'l fuq biss.

NOTTE BIANCA

Għal aktar informazzjoni żur
**festivals.mt/nb**

Sibna fuq il-mezzi soċjali tagħna
**facebook.com/nbvalletta**
**instagram.com/nottebiancavlt**

*L-informazzjoni f'dan il-fuljett kienet korretta fil-ħin tal-istampar.*

Organizzat minn
FESTIVALS Malta

Megħjun minn
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR CULTURE, LANDS AND LOCAL GOVERNMENT

B'kollaborazzjoni ma'
Coca-Cola · VIBE · European Heritage Days – Jiem Ewropej tal-Wirt · Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali – Superintendence of Cultural Heritage